**MINUTI**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**
**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA**

**1 ta' Settembru, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

Is-Sindku Silvio Izzi Savona u l-Viċi Sindku Charmaine Christiano Grech ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**3.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

3.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 2 ġew apporvati.

3.1.2 Fir-rigward ta' punt 2.3.2 iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni li illum il-Kunsill irċieva ittra mill-Kuntrattur li jiġbor l-isart fejn informa li ma jistax inaqqas ġurnata mix-xogħol tiegħu meta l-għada jkun irid jagħmel xogħol doppju u bl-istess prezz ta' ġurnata.

Iċ-Chairperson qal li hi ħasra li l-Kunsill Lokali ma kienx ippjana bħal Kunsilli Lokali oħra, u ħa l-inizjattiva li għalmenu ġurnata waħda fil-ġimgħa tkun dedikata biss għal-skart reċiklat biex b'hekk tonqos l-ispiża u r-residenti jkollhom aktar

interess li jirreċiklaw.

Il-Kumitat Amministrattiv ma qabilx bid-deċiżjoni li kien ħa l-kuntrattur għax b'din id-deċiżjoni ser ibgħati Bubaqra u ż-Żurrieq kollu.

3.1.3 Fir-rigward ta' punt 2.4.2 iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat fuq tweġiba mit-TM, għat-talba li l-Kumitat ta' Bubaqra għamel fuq zebra crossings fi Vjal l-Indipendenza.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra biex jitalab appuntament fuq il-post, minħabba li t-talba tal-Kumitat kienet għall-postijiet l-aktar frekwentati mit-tfal tal-mużew/tal-iskejjel u jkun inutli li jsiru zebra crossings fejn indikat mit-TM jekk ma jintlaħaqx l-iskop tagħhom għax ma jintużawx.

3.1.4 Fir-rigward ta' punt 2.5.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia, informa lil dawk preżenti li l-ittra lill-għaqdiet taż-Żurrieq intbagħtet u kien hemm żewġ tweġibiet. Waħda mill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria fejn infurmaw li minħabba ż-żmien qasir li hemm biex tippjana attivita, għal din is-sena ma kienux ser ilaħqu l-applikazzjoni. It-tieni tweġiba kienet mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM fejn infurmaw li kienu interessati li jieħdu sehem bit-tieġ malti imma aktar dettalji ser jagħtuhom eżatt kif tagħddi l-festa.

3.1.5 Fir-rigward ta' punt 2.7.1 iċ-Chairperson informa lill-Kumitat li l-applikazzjoni fuq Inizjattiva premju lokalitajiet indaf Memo 73 - ntbagħtet u l-attivita ser issir fit-30 ta' Ottubru biex tkun qabel il-festa tal-mejtin. Qabel din l-attivita' ser titqassam ittra bieb bieb f'Bubaqra fejn ir-residenti jiġu nfurmati b'dak li jkun ser isir.

3.1.6 B'referenza għall-punt 2.8.4 ġie nnutat li s-siġra ndikata ġiet miżbura u m'għadiex ta' ostaklu.

3.1.7 B'referenza għall-punt 2.8.5, il-Kunsill qabel li jsiru l-Bring in sites li ġew issuġġeriti u ġew ordnati.

3.1.8 Inġibded l-attenzjoni fuq ir-refresh ta' sinjali tat-toroq li saru f'Bubaqra. Tali sinjali ċċaraw fi żmien jumejn u ma sarux bil-

galbu u dritti barra li kien hemm xi sinjali sofor li ttawlu meta ma kienx hemm il-bżonn jew it-talba tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li tali xogħol sar mill-ħaddiema tal-IPSL biex jiġu ffrankati l-flus imma għal darb'oħra ser tikkuntatja liċ-Chairperson u tinfurmah meta jkun ser jibda tali xogħol biex ikun jista jitla xi ħadd jindikalhom/jiggwidhom eżatt.

*2.2* *Kommunikazzjoni miċ-Chairperson*

2.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fl-24 ta' Awwissu, kellem lis-Sindku bħala l-editur tal-fuljett Kunsill News, fejn talbu biex il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jingħatha paġna fil-Kunsill News biex jinkiteb ix-xogħol li qed jagħmel il-Kumitat. Hu żied jgħid li s-Sindku għandu jagħti risposta imma ma deherx li kienet xi problema.

Kien hemm qbil li jekk din il-paġna ma tingħatax il-Kumitat jikteb l-istess affarijiet li kien ser jinkiteb fil-Kunsill News u jitqassam bieb bieb f'forma ta' ittra.

*3.3* *Ġranet tal-Knis f'Bubaqra*

3.3.1 Għal dan l-item intalab li jkun preżenti l-kuntrattur tal-Knis – Euro Clean biex jiġu diskussi l-ilmenti fuq il-knis u biex isir ftehim ta' ġranet fissi meta jinkines Bubaqra.

Kien hemm bejn iż-żewġ partijiet li l-knis f'Bubaqra jkun kif ġej:
*Il-Ġimgħa* – Jinbeda minn Triq Sant' Agatha għal Triq Santa Marija u s-side roads u jibqa' sejjer sal-Pjazza.
*Is-Sibt* – Jinbeda minn Triq Bubaqra u s-side roads jibqa sejjer għall-Pjazza u jispiċċa fil-HOS.

*3.4* *Ġbir ta' skart kull nhar ta' Tlieta f'Bubaqra*

3.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li meta tressaq il-każ fis-Seduta tal-Kunsill kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Kuntrattur tal-iskart u t-tweġiba tal-ittra li inkitbet tressqet f'punt 3.1.2 ta' din l-istess laqgħa.

## *3.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xogħlijiet u Servizzi*

3.5.1 Iċ-Chairperson qal li nhar il-Ħadd 22 ta' Awwissu, wara li kienet saret il-festa ta' Santa Marija f'Bubaqra l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart tqabbad mis-Sindku biex inaddaf l-akwata mingħajr ma ġie kkonsultat hu bħala Chairperson.
Kien hemm qbil li la tali xogħol ma kienx jaf bih il-Kumitat Amministrattiv u la fi snin ta' qabel tali xogħol ma kienx isir, il-kont tax-xogħol ma jiġix imħallas mill-fondi tal-Kumitat Amministrattiv.

Kien hemm qbil ukoll li meta jinħareġ permess għal xi attivita' f'Bubaqra tiżdied klawżola fejn tgħid li l-post fejn ser issir l-attivita' għandu jinżam fl-istess stat li jkun qabel l-attivita.

3.5.2 Is-Sur Annetto Bugeja qal li residenti qed jistaqsu jekk humiex ser jerġgħu jingħataw boroż grizi għar-reċiklaġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-kumpanija Green MT ma kienx li jissuplixxu boroż grizi imma kien hemm ftehim fuq inċentivi oħra.

3.5.3 Is-Sur Annetto Bugeja qal li kellu ilmenti fuq bżonn ta' patching fuq wara taċ-ċimiterju.
Kien hemm qbil li l-ewwel isir patching fejn l-aktar li jintuża mir-residenti u wara jsir ix-xogħol imsemmi.

3.5.4 Is-Sur Nettu Bugeja qal li fi Triq San Leone hemm pjanti kbar fuq il-bankina u qed ikunu ta' ostaklu. Kien hemm qbil li jiġu avviċinati s-sidien/qraba ta' dawn il-pjanti biex jitneħħew.

3.5.5 Is-Sinjura Maria Schembri qalet li xi persuni ħawlu pjanti 'Ilsien in-nisa' fil-ħwat li hemm fil-Pjazza ta' Bubaqra. Hi żiedet tgħid li kellmet lill-Cassar Florist li kien ser jissupplixxi l-pjanti għal-Bubaqra u infurmha li setgħa jħawwel pjanti xierqa madwar dawk li ġew imħawla minn xi persuni.

3.5.6 Is-Sur Annetto Bugeja ġibed l-attenzjoni wara suġġeriment li rċieva biex tinżebagħ l-istatwa ta' Santa Maqrija li hemm fil-pjazza.

Kien hemm qbil li meta tinħareġ applikazzjoni biex isiru restawr tan-niċeċ/statwi, il-Kumitat Amministrattiv japplika għaliha.

3.5.7 Is-Sur Annetto Bugeja qal li kellu lment biex tinżabar palma li hemm fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Kalanġ Bugeja.
Kien hemm qbil li jittihed parir mill-kumpanija ELC fuq danir-rigward.

3.5.8 Is-Sur Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni li minħabba li vetturi qed ikunu pparkjati fi Triq ir-Rettur k/m Triq Bubaqra, hemm il-bżonn li jsiru *double yellow lines* biex b'hekk ma jkunx hemm ostaklu għas-sewwieqa.

Kien hemm qbil fuq dan.

3.5.9 Is-Sur Joseph Caruana qal li hemm bżonn li terġa titwaħħal it-tabella li kien hemm fil-bidu ta' Triq Ħal Far biex ma jgħaddux trakkijiet.

3.5.10 Is-Sur Joseph Caruana talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex għal-laqgħa oħra tinġib pjanta kbira tat-toroq fil-konfini ta' Bubaqra.

*3.6 Appuntament għas-seduta li jmiss*

3.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar l-Erbgħa 6 ta' Ottubru, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

2.9.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2010.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**